tiegħi, li jiena żammejt biex noffriha lis-Sultan. *(Ix-XBEJBA tibqa' tħares lejh bi ħlewwa u bi tbissima).*

*Tinstama' bħal ragħda fil-bogħod l-art titriegħed, il-bini jixxengel, il-ġebel ta' xi bini jibda jaqa'. Titla' bħal sħaba ta' trab u magħha jleħħu beraq bit-tkarwit ta' ragħad. Is-suldati mbeżżgħin jitilqu jiġru 'l hawn u 'l hinn bħal nies fis-sakra. Iżda ARTABAN u x-XBEJBA jibqgħu mrekknin bħal stawi taħt il-ħitan tal-Pretorju. Ix-XBEJBA tibqa' għar-rkobbtejha tħares lejn ARTABAN, qalbha qawwija mill-ħniena tiegħu lejha, fil-waqt li ARTABAN, wara li newlilha l-ġawhra f'idejha, jdawwar il-ħarsa tiegħu lejn is-sema, in-naħa ta' fejn kienu marru sħabu l-Parzjani Lhud u n-NISA ta' Ġerusalemm.*

*F'daqqa waħda, wara tregħida kbira ta' art u bini, u leħħ ta' beraq u ragħad taqa' ġebla mis-saqaf tal-ħitan tal-Pretorju u tolqot lil ARTABAN fuq moħħu. ARTABAN jaqa' bid-dmija fuq rasu fuq wiċċu fuq dirgħajn ix-XBEJBA. Ix-XBEJBA tixxotta d-demm ta' moħħu bil-libsa tagħha fil-waqt li tħaress 'il fuq tissamma leħen fil-bogħod 'il bogħod donnu ħiereġ mis-sema.*

*Jinstama' Kor ta' Anġli fil-bogħod. Wara ftit il-leħen tal-Kor jintefa bil-mod il-mod. Il-kliem tal-Kor minn versi tal-"Vexilla Regis".*

*Wara li jintefa l-leħen tal-Kor.*

ARTABAN: *(Jiftaħ bil-kemm għajnejh, iħares lejn is-sema, iħarrek xufftejh, u jarfa' idu l-lemenija lejn is-sema)*
Mulej, ikollok ħniena minn dan ir-rahan tal-fidwa ta' bniedma... minn din ix-xbejba li jiena fdejt mill-jasar ta' kefrija u dnubiet bl-aħħar teżor li kien merfugħ għalik. Biex għamilt dak li Inti xtaqt minni, jiena qgħadt bil-ġugħ u tmajt, qgħadt bil-għatx u sqejt, min ma kellux ħwejjeġ biex jitgħatta jiena inżajt ħwejġi u libbistu, żort il-morda u l-ħabsin, għax hekk Inti ridt minni bla ma kelli x-xorti nara 'l wiċċek . . . tlieta u tletin sena ili infittxek, imma qatt ma rajt wiċċek . . .

*Fil-waqt li x-Xbejba timsaħlu d-demm u d-dmugħ minn għajnejh li dehru sa jingħalqu jinstemgħu dawn il-kelmiet minn fost is-sħab li minnhom huwa u ħiereġ il-kliem feġġ dija qawwija: Għajnejn ix-XBEJBA jibqgħu jħarsu ċassi lejn is-sħab. ARTABAN jarġa' bil-mod il-mod jiftaħ għajnejh u jħares 'il fuq.*

LEĦEN minn ġos-SĦAB: "Tassew ingħidlek. Dak li inti għamilt għall-inqas wieħed jew waħda minn ħuti, inti għamiltu għalija"
*Id-dawl minn ġos-sħab jintefa.*



*Fuq ix-xefaq in-naħa tal-Golgota jidher mixgħul b'dawl nieżel mis-Sema fuq is-Salib fejn jidher* **KRISTU IMSALLAB.**

ARTABAN: *(B'għajnejh fuq KRISTU IMSALLAB u bi tbissima fuq fommu)* MULEJ, MULEJ . . . fl-aħħar wettaqtli x-xewqa tiegħi . . . . Ilqagħni fi ħdanek . . .

TMIEM

---

# MEWT U ĦAJJA

## *Ta' PAWLU CACHIA*

Nies imbikkija,
Sewdiena f'libsitha,
F'rokna miġbura:
Xewqana tistenna li joħroġ
Mgħotti t-tebut
B'faldrappa faħmija.

Min jitħaddet kiebi;
Min b'għajnejh ħomor:
Ilkoll qabhom maqsuma
Għar-reżħa tat-telfa
Xejn mistennija.

U f'dik il-ħemda,
Hemm tfeġġ karozza tgħammex bi tlellixha . . .
Ittanbar waħda f'waħda
Kollha ħluqija
Biex lill-miġemgħa tofroq
U tħalliha għaddejja ħielsa,
F'waqt dik twarrab siekta,
U fuq ponot subgħajha tittawwal . . .
Iġġebbed għonqha
Sabiex tara x'inhu għaddej;
U x'tilmaħ . . . ?
Tilmaħ tarbija mgeżwra f'xall bajdani
Imdawra b'uċuh hienja . . .
Ħlejqa oħra twieldet . . .

F'salt wieħed, iqum bħal tgeġwiġ ta' riefnu:
"Tassew li d-dinja rota
U aħna l-fusien tagħha:
Min tqabbdu t-trejqa ta' xefaq id-dija,
Min traqqdu magħha fit-trab tax-xjuħija."